## IX-XEWK

*Go għalqa mhix maħduma, qalb il-ġebel*
*u x-xaħx u t-torba kiber qawwi u f'saħħtu*
*u bil-cluf, u żegħed bil-ward safrani*
*bajdan u vjola.*

*Għalkemm sura ta' linef ħadranija,*
*— kull brazz mimli bix-xema' abjad u vjola,*
*jew isfar kark—kulħadd għaddej jistkerrhu,*
*u ġewwa qalbu*

*Jixtieq li kieku jaħsdu minn ġol-għalqa.*
*Poh! għajtet tfajla, mort biex naqta' warda,*
*tniggiżt u mtlejt bix-xewk, u f'tarf il-warda*
*ġieni stallett.*

*Meta n-nies riedu jagħmlu għajb u jaħqru*
*lil Dak li qal li hu Sultan Bin Alla,*
*tax-xewk għamlu kuruna u deffsuhielu*
*biċ-ċajt ġo rasu.*

*Kulħadd lix-xewk jistkerrah, iżda l-friefet,*
*bħal qabda anġli żgħar fuq ġwienaħ bojod,*
*fuqu jittajru u minn ġo qalbu jsoffu*
*il-għasel bnin.*

A. Buttigieg.

---

## ~~IL-WARDIJA U L-GWERRA~~

~~*Kemm snin fuq dan ir-raba' raw in-newba*~~
~~*Tax-xitla tonqob, tikber, u tidbiel,*~~
~~*Raw siekta l-ħajja, bħal tas-sajf xi kewkba*~~
~~*Li tiddi u tinżel mingħajr l-ebda xkiel.*~~

~~*Nies twieldu u mietu, batew, striehu u fiequ;*~~
~~*U xejn fl-eluf tas-snin ma tbiddel hawn,*~~
~~*U aħna, nies li dejjem l-hena nfittxu,*~~
~~*Ma nsibux hwejjeġ oħra isbaħ minn dawn.*~~

~~*Għal żmien qasir hawn*~~ *tarzna* ~~*sħiħa saret*~~
~~*Bl-għodda u bin-nies tal-gwerra biss mimlija,*~~
~~*Għax hekk kien ried il-waqt, u s-sema ħammret*~~
~~*Bil-qilla tal-kanun u l-art bid-dmija.*~~

~~*Dan issa għeb: bħal ta' xi barka l-kliem,*~~
~~*Fuq il-Wardija reġa' raxx is-sliem.*~~

~~1945.~~ ~~E. Agius.~~